

**Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni**

(2017/C 444/05)



*Il-wiċċ nazżjonali tal-munita k commemorattiva l-ġdida ta' EUR 2 maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Ġermanja*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Sabiex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha <sup>(1)</sup>. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 <sup>(2)</sup>, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti k commemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom fih disinn k commemorattiv li jkollu rilevanza simbolika għolja f'termini nazżjonali jew Ewropej.

**Pajjiż li qiegħed joħroġ il-munita:** Il-Ġermanja

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** Il-100 anniversarju mit-twelid tal-istatista kbir u Kanċillier Ġermaniż Helmut Schmidt (1918–2015)

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Id-disinn juri lil Helmut Schmidt f'poża karatteristika tiegħu hekk kif jinvolvi ruħu fi djalogu mal-interlokutor tiegħu. Fin-nofs ċirku fil-lemin tan-naħa ta' fuq hemm l-iskriżżjoni "HELMUT SCHMIDT" u fuq in-naħa tal-lemin is-snin "1918–2015". Il-marka taz-zekka taz-zekka rispettiva tidher taħt snin. Fuq ix-xellug hemm il-kodiċi tal-pajjiż tal-ħruġ "D" u taħtu hemm is-sena tal-ħruġ "2018". Fin-naħa ta' isfel hemm l-inizjali tal-artist.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu:** 30 000 000

**Data tal-ħruġ:** Jannar/Frar 2018

<sup>(1)</sup> Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

<sup>(2)</sup> Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).